MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 420/2013

**Associated Supplies Limited (C-2891)**

**vs**

**Joseph Mizzi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Joseph Mizzi li ghar-ragunijiet fih premessi talab lil din il-Qorti:

1) Tirrevoka il-precitat mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1230/2012 fl-ismijiet premessi, kemm peress illi ma saret l-ebda kawza valida in sostenn tal-pretensjoni kawtelata permezz tal-istess mandat, u dana skond l-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll peress illi l-ammond mitlub ma huwiex prima facie gustifikat u huwa eccessiv, u dana skond l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u anke peress

ma huwiex ragonevoli, mehtieg jew gustifikabbli li l-mandat odjern jibqa' fis-sehh, u dana skond l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Tikkundanna lis-socjeta' sekwestranti Associated Supplies Limited biex thallas lill-esponent il-penali kontemplata fl-Artikolu 836(8) (a), (b) u (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi s-socjeta' Associated Supplies Limited, minghajr raguni valida, ma ghamlitx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi, peress fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju precitat numru 1320/2012 is-socjeta' Associated Supplies Limited qatt ma talbet lill-konvenut li jhallas d-dejn jew sabiex jipprovdi sigurta' bizzejjed u peress illi t-talba tas-socjeta' Associated Supplies Limited ghal hrug tal-precitat mandat kawtelatorju hija wahda li saret ssir b'malizzja, u hija rivola u vessatorja; u

3) F'kaz li dina l-Onorabbli Qorti kellha ma tirrevokax l-mandat ta' sekwestru precitat, tordna lis-socjeta' sekwestranti Associated Supplies Limited sabiex, fi zmien perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, tghati garanzija xierqa ghall-hlas tad-danni rrekati mill-esponent u kkagunati unikament mis-socjeta' sekwestranti b'rizultat tal-hrug tal-mandat ta' sekwestru precitat mill-hrug tal-precitat mandat u tordna li fin-nuqqas tad-depozitu ta' tali garanzija entro t-terminu hekk prefiss, jigi revokat l-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1320/2012, u dana a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-esponent skont il-ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Associated Supplies Limited li, ghar-ragunijiet moghtija minnha, ssottomettiet li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda. Semghet lid-difensuri.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proceduri r-rikorrenti (sekwestrat) qed jitlob it-thassir ta' mandat mahrug fil-konfront tieghu mis-socjeta' Associated Supplies Limited.

Doveruz ghall-Qorti ttenni f'dan l-istadju illi huwa principju regolatorju f'din ix-xorta ta' procedura illi l-iskrutinju li jehtieg isir minn din il-Qorti huwa wiehed limitatissimu fuq livell ta' prima facie. Il-mertu jigi mistharreg u evalwat fil-profondita' kollha tieghu mill-Qorti li tkun qed tiehu konjizzjoni tal-kawza. Dan ifisser illi f'dawn il-proceduri il-Qorti ma tkun qed tippronunzja ruhha bl-ebda mod fuq fatti u fehmiet dwar il-vertenza principali u dan, kemm jekk it-talba odjerna tigi milqugha kif ukoll jekk tigi michuda.

Ikkunsidrat illi proceduri ghat-thassir jew tibdil tal-mandat ta' sekwestru 1320/2012 kienu diga gew stitwiti mir-rikorrenti odjern ftit tax-xhur qabel ma gew intavoltati dawn il-proceduri. F'dawk il-proceduri ir-rikorrenti kien talab it-thassir tal-mandat ta' sekwestru a tenur tal-provvedimenti tal-Art. 836 (1) (b); 1(d) u 1(f), li huma precizament l-istess tlett provvedimenti tal-ligi li r-rikorrenti qieghed jinvoka bir-rikors odjern. Ghaldaqstant il-Qorti jehtiegilha tevalwa c-cirkostanzi prezenti sabiex tiddetermina jekk sehhitx xi bidla fic-cirkostanzi jew jekk ngabux a konjizzjoni taghha fatti ohra li jistghu igeghluha tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li waslet ghaliha ftit taz-zmien ilu, f'liema okkazjoni t-talbiet tar-rikorrenti kienu gew michuda.

<u>Art. 836 (1)(b)</u> jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju meta wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghada fil-fatt tezisti. Ir-rikorrenti jgib bhala raguni ghal dan l-allegat nuqqas ta' prezentata ta' kawza fit-termini previst mil-ligi. Il-Qorti tirreferi f'dan il-kuntest ghad-digriet taghha moghti in camera fil-proceduri precedenti fejn irribadiet illi xejn ma jzomm lil min irid jikkawtela pretensjoni milli jaghmel dan b'kull mod li taghtih il-ligi fil-kors ta' kawza diga mibdija. Lanqas ma jghodd l-argument tar-rikorrenti illi l-kawza ma tissodisfax ir-rekwizit tal-ligi ghaliex il-pretensjoni m'hijiex kwantifikata u dan peress illi l-premessi u kawzali taz-zewg atti

(mandat u kawza) huma identici.  Kif ghamel fil-proceduri precedenti, r-rikorrenti qieghed isostni li l-kawza li permezz taghha gew dedotti l-pretensjonijiet tas-socjeta' Associated Supplies hija nulla ghaliex ma sarx il-hlas korrett mal-prezentata skond it-Tariffa vigenti.

Hawnhekk ukoll il-Qorti tqis li r-rikorrenti m'ghandux ragun.

Il-validita' tal-kawza fil-mertu qatt ma giet attakkata b'ebda mod, lanqas ma giet eccepita' n-nullita tar-rikors promotur in limine litis.  Inoltre il-hlas tad-drittijiet tar-registru hija materja fil-mansjoni tar-Registratur u din il-Qorti ma ghandhiex tindaga dwar dan sakemm mhux fil-proceduri appositi.  Il-Qorti tqis ukoll illi lanqas ma jghodd l-argument tar-rikorrenti li galadarba l-ammont pretiz fil-kawza ma giex likwidat, is-socjeta' attrici m'ghandhiex il-jedd tikkawtela l-pretensjoni taghha.  Hafna huma l-kawzi ghal hlas ta' danni fejn l-ammont pretiz, huwa kif jinghad, "da liquidarsi", b'dan li jibqa' mhux mittiefes id-dritt li kreditur jikkawtela l-pretensjoni tieghu b'kull mod li taghtih il-ligi.

<u>L-Art. 836 (1)(d)</u> jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju meta l-ammont mitlub huwa prima facie eccessiv jew mhux gustifikat.  Huwa ritenut minn dawn il-Qrati illi:

"*Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat."(Atti tal-Mandat fl-ismijiet Salvino Farrugia noe vs Exalco Holdings deciza mill-Prim Awla P.A. fis-6 ta' Dicembru 1999).*

Il-Qorti fil-kuntest tirregeri ghal dak li rriteniet fil-proceduri precedenti fejn ikkonsidrat illi ghalkemm is-somma pretiza hija wahda konsiderevoli, ma jidhirx li hija eccessiva, tenut kont tal-entita' mertu tat-talbiet fil-kawza.

L-Art 836 (1)(f) jipprovdi ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju meta dan ma jkunx ragonevoli, mehtieg jew gustifikabbli. Ma ngabet lil Qorti ebda raguni li twassalha biex tqis illi r-rikorrenti hawnhekk ghandu ragun. Ma kien hemm ebda bidla fic-cirkostanzi la minn meta nhareg il-mandat u lanqas minn meta l-Qorti ppronuncjat ruhha fir-rigward. Kif diga rriteniet din il-Qorti kull mandat jikkreja nkonvenjent serju ghall-allegat debitur. Dan pero m'ghandux ixejjen id-dritt ta' kull kreditur li jikkawtela l-pretensjoni tieghu b'kull jedd li taghtih il-ligi. Inoltre, huwa notevoli ukoll illi l-ammont effettivament milqut dovut huwa biss somma zghira meta mqabbla mal-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici.

Penali

L-Art. 836 (8) jipprovdi ghal erba cirkostanzi fejn il-Qorti tista' timponi l-hlas ta' penali. Ir-rikorrenti jinvoka s-subartikoli (a) (b) u (d) tac-citat provvediment. Il-Qorti tinnota li dawn huma l-istess talbiet li saru fi proceduri precedenti. Ma jidher li nbidlet ebda cirkostanza fir-rigward. Kif irriteniet il-Qorti fil-kawza Blye Engineering Co. Ltd vs Paolo Bonnici Limited (7.7.2004):

*"Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li l-ezercizzju ta' dritt ma jista qatt iwassal ghar-responsabilita' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibbli mil-ligi. Ghalhekk gie deciz li min jiftah kawza u jitlifha ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatorju (ara "Farrugia vs Sammut, Kollez. Vol. XXVIII.I.223; u Barbara vs Fleri" Kollez. Vol. XXVIII.695). Huwa biss meta persuna tagixxi kapriccjosament jew mala fede, li hija tista tkun responsabbli ghad-danni li jsegwi l-agir irresponsabbli taghha."*

Il-kawza kienet inbdiet regolarment wara li saru interpellazzjonijiet. Ukoll, ma tirrizulta ebda frivolozita jew vessatorjeta.

Kif irriteniet il-Qorti fil-kawza Spiteri vs Darmanin 25.8.2010 JRM:

*“Illi f’dan il-kuntest biżżejjed jingħad li jekk, ’il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m’għandhomx jedd għall-ħlas jew likwidazzjoni fl-ammont minnhom pretiż, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta’ kwestjoni fil-mertu ma tista’ qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b’mod vessatorju jew fieragħ.”*

Il-Qorti tirreferi ukoll ghall-gurisprudenza citata f’dik is-sentenza.

<u>Garanzija skond l-Art 838A</u>

Il-Qorti f’dan il-kuntest tirreferi ghall-gurisprudenza li ccitat din il-Qorti stess fil-proceduri precedenti. Ghal intendiment ahjar, terga tirreferi ghas-sentenza Zarb vs Port Cottonera Limited fejn gie ritenut illi:

Kif irriteniet il-Qorti fil-fuq citata kawza “Zarb vs Port Cottonera Limited” (deciza fit-18 ta’ Settembru 2002):

“*Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta’ dritt ma jista’ qatt iwassal ghar-responsabbilta’ ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibili mil-ligi.*”

Fil-kawza “Darmanin vs Cachia et” (deciza fil-31 ta’ Lulju 2007), il-Qorti rriteniet illi:

“*Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera “kawża ġusta” biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta’ Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala “kawża ġusta” għall-finijiet ta’ dan l-artikolu. Lanqas ma jidher li huwa biżżejjed biex jikkostitwixxi “kawża ġusta” għall-finijiet tal-artikolu 838A il-fatt li persuna li kontriha jkun inħareġ Mandat kawtelatorju tkun qegħda ġġarrab danni minħabba dak il-Mandat. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-*

*sanzjoni, x’aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili.*”

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti Joseph Mizzi ghaliex mhux misthoqqa.

L-ispejjez jithallsu minn Joseph Mizzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------